# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru : 193/2019 MH**

**Illum, 2 ta' Diċembru 2022**

**KBC Euro Credit Limited (C 69688)**

**vs**

**Dr Louis Cassar Pullicino (K.I. 441061M) maħtur b'digriet tas-26 ta' Marzu 2019 bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Del Monte Foods (U.A.E) FZE , kumpanija nkorporata u reġistrata bis-saħħa tal-liġijiet ta' Dubai , bin-numru ta' reġistrazzjoni 978 u bl-indirizz uffiċċjali P.O Box 294484 , Dubai, United Arab Emirates**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-socjeta' KBC Euro Credit Ltd** (minn issa 'l quddiem "KBC") **tal-25 ta' Frar 2019** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub-

*"Tesponi bir-rispett u l-Avukat Pio M. Valletta [K.I. 503058M) jikkonferma bil-gurament:*

1. *Il-kumpannija rikorrenti attrici giet notifikata b'Mandat ta' Sekwestru (Numru: 817/2018) segwitu ghall-talba pprezentata mill-kumpannija intimata riferibilment ghall-kwistjoni li tirrigwarda  riskatt u hlas ta' ammont kopert b'garanzija bankarja li l-kumpannija rikorrenti attrici kienet harget favur il-kumpannija intimata sabiex tiggarantixxi lill-kumpannija intimata l-obbligu ta' hlas tal-kumpannija T. Keystone Foods FZ-LLC ("T. Keystone Foods") ta' Ras Al Khaimah, PO Box 31291, U.A.E, proprjeta ta' Jaber Baqer Ebrahim Baqer versu l-kumpannija intimta, kwantu forrnituri li jigu konsenjati mill-kumpannija intimata u ricevuti mill-kumpannija T. Keystone Foods.*

2. *Il-fatti saljenti li taw lok ghall-vertenza huma s-segwenti:*

2.1. *Jaber Baqer Ebrahim tal-kumpannija T. Keystone Foods kien talab il-hrug ta' Garanzija Bankarja minghand il-kumpannija rikorrenti attrici sabiex jiggarantixxi l-obbligi ta' hlas tal-kumpannija T. Keystone Food's favur il-kumpannija intimata skont ftehim ta' fornitura bejn il-kumpannija intimata u l-istess T. Keystone Foods u skont it-termini tal-istess imsemmi ftehim ta' fornitura.*

2.2. *Il-kumpannija attrici harget Garanzija Bankarja bin-numru ta' referenza KBC/BG/114/17 ghall-valur u ammont ta' tlett miljun dollar Amerikan (USD 3,000,000) fis-26 ta' April, 2017 u fit-30 ta' April, 2017, u l-kumpannija intimata gie avzata bil-hrug ta' din il-garanzija mill-bank tal-kumpannija intimata,  Mashreq Bank, UAE.*

2.3. *Huwa pertinenti li jigi notat li precedentement kienet inharget Garanzija Bankarja mill-kumpannija attrici rikorrenti favur il-kumpannija intimata sabiex tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas ta' kumpannija maghrufa bhala  T. Keystone Fruits Merchant EZE ("T. Keystone Fruits") proprjeta ta' Nabeel Baqer Ebrahim Baqer u din il-Garanzija Bankarja kienet skadiet fl-1 ta' Mejju, 2017 minghajr ma saru talbiet ghar-riskatt u ghall-hlas tahtha u konsegwentement giet kkunsidrata bhala nulla u minghajr effett.*

2.4. *Fl-ewwel gimgha ta' Mejju, 2017, il-kumpannija intimata u l-kumpannija T. Keystone Fruits iffirmaw kuntratti godda ta' fornitura u l-iskedi tal-konsenji u tad-dati ta' pagament gew specifikati fl-imsemmija kuntratti ta' fornitura. Fl-iskeda tal-konsenji tal-proditti li kellhom jigu forniti mill-kumpannija intimate, Mejju 2017 gie indikat bhala x-xhar li fih kellhom jibdew il-konsenji u Gunju 2017 bhala x-xahar meta l-konsenji kellhom jintemmu. Il-prodott kollu gie ikkonsenjat u mehuda mill-kumpannija T. Keystone Fruits bejn l-24 ta' Mejju 2017 u l-24 ta' Gunju, 2017 u esportati lejn diversi pajjizi.*

2.5. *Fl-ahhar ta' Gunju, 2017 il-kumpannija intimata intebhet li T. Keystones Fruits (proprjeta ta' Nabeel) ma kinitx rispettat l-obbligi ta' hlas taghha skond il-kuntratti godda li kienet iffirmat u ghalhekk l-istess kumpannija intimata bdiet tibghat emails ta' twissija lill-kumpannija T. Keystone Fruits.*

2.6. *Fit-22 ta' Gunju 2017 il-kumpannija intimata kitbet lill-kumpannija T. Keystone Fruits (ta' Nabeel) u wissitha li l-pagamenti skont il-kuntratt ta' fornitura saru dovuti u ma kienux thallsu u interpellatha sabiex thallas u sabiex tirrimpjazza cekkijiet li kienu ingahtaw bhala garanzija.*

2.7. *Minn emails mibghuta mis-socjeta intimata lill-kumpannija T. Keystone Fruits u lil Nabeel fis-6 ta' Settembru, 2017 kien jidher car li sa nofs Gunju, 2017 l-ammont ta' miljun u hames mitt elf dollari Amerikani (USD 1.5 Million) kienu dovuti lill-kumpannija intimata mill-kumpannija T. Keystone Fruits (Nabeel) kwantu forrnituri precedenti.*

2.8. *Minn emails skambjati bejn il-kumpannija intimata u l-kumpannija T. Keystone Fruits (Nabeel) f'Gunju u Lulju 2017 irrrizulta b'mod car li fornituri kienu saru mentri pagamenti ma sarux. Dan gie ukoll konfermat lill-kumpannija rikorrenti attrici mill-avukati tal-kumpannija intimata fl-ewwel gimgha ta' Settembu 2017. Gie ukoll mistqarr permezz ta' emails mill-avukati tal-kumpannija intimata li Nabeel kellu intenzjonijiet malinji u fradwdolenti*

*fil-konfront tal-kumpannija intimata u fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti attrici.*

2.9. *Xi zmien wara t-13 ta' Awissu, 2017 l-avukat tal-kumpannija T. Keystone Fruits (l-Avukat ta' Nabeel) Hamdan Al Shamshi kiteb lill-kumpannija intimata u talabha sabiex tiehu l-ammont li hija kienet qieghda titlob minghand il-kumpannija klijenta tieghu (T. Keystone Fruits) mill-Garanzija Bankarja u li l-bilanc kien jithallas lilha (il-kumpannija intimata) hekk kif il-prodotti jigu fornuti lill-kumpannija T. Keystone Fruits. Oltre dan il-kumpannija intimata kienet iddikjarat li Nabeel kien qieghed jirrapprezenta iz-zewg kumpanniji (T Keystone Foods and T Keystone Fruits), konstatazzjoni li kienet zbaljata.*

2.10. *Fid-dawl ta' din it-talba maghmula mill-avukat ta' T. Keystone Fruits (Nabeel) il-kumpannija intimata bdiet tinkwieta ghad illi intebhet li l-Garanzija Bankarja kienet tkopri u tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas ta' T. Keystone Foods (proprjeta ta' Jaber) u mhux l-obbligi ta' hlas ta' T. Keystone Fruits (propjeta ta' Nabeel). Wara li l-kumpannija rikorrenti attrici rrespingiet l-ewwel talba ghall-hlas li saret mill-kumpannija intimata fl-ahhar gimgha ta' Awissu 2017, l-istess kumpannija intimata intebhet li T. Keystone Fruits u T. Keystone Foods kienu zewg entitajiet differenti registrati b'ismijiet differenti. Sa dak il-punt il-kumpannija intimata kienet taht l-impressjoni zbaljata li l-Garanzija Bankarja kienet giet imgedda f'isem il-klijent kurrenti taghhom, T Keystone Fruits (Nabeel) mentri l-Garanzija Bankarja kienet harget f'isem T. Keystone Foods (Jaber).*

2.11. *Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni l-kumpannija intimata f'kolluzzjoni ma' Nabeel u/jew mal-avukat tieghu ghamlu atti bl-iskop li tigi facilitata il-pretensjoni ghall-hlas da parti tal-kumpannija intimata taht u kontra l-Garanzija Bankarja ezistenti. Ghal dan il-ghan gie iffirmat ftehim gdid bejn il-kumpannija intimata u T. Keystone Foods (proprjeta ta' Jaber) u gew formulati u generati fatturi u dokumenti ta' konsenja li manifestament juru diskrepanzi*

*serji u kbar fid-dati. Jidher li l-kumpannija intimata u l-ufficjali taghha kienu insew jew ittraskuraw l-esistenza ta' kommunikazzjonijiet permezz ta' emails li kien baghtu lill-kumpannija rikorrenti attrici u li minnhom u fihom jirrizultaw il-fatti attwali u rejali u l-ftehim u l-kwistjonijiet li kienu jezisitu bejn Nabeel, T. Keystone Fruits u l-kumpannija intimata.*

2.12. *Huwa mehtieg li jigi sottolinejat li l-ftehim bejn il-kumpannija intimata u T. Keystone Foods (prorpjeta ta' Jaber) gie iffirmat fl-1 ta' Lulju, 2017 u dan minkejja li l-forniuri sehhew fi granet qabel dik id-data. Il-Garanzija Bankarja kienet b'mod car tipprovdi u tistipula li l-ftehim li permezz tieghu l-obbligi ghall-hlas li l-istess Garanzija Bankarja kienet qieghda tiggarantixxi, kellu jigi ffirmat bejn l-applikant (T Keystone Foods) u l-beneficcjarja tal-Garanzija Bankarja (il-kumpannija intimata) qabel il-hrug u l-emissjoni tal-Garanzija Bankarja u mhux wara. Di fatti fil-paragrafu li jikkonferma il-hrug u emissjoni tal-garanzija bankarja irrevokabbli u l-obbligu tal-hlas tal-ammont/valur indikat (USD 3,000,000) jigi dikjarat u stipulat li l-ittra bit-talba ghall-hlas ghandha jkollha dikjarazzjoni "that the amount claimed has remained unpaid by the Applicant subject to terms and conditions as per contract between both the parties to be substantiated by us."*

2.13. *Jirrizulta car li l-fatturi u d-dokumenti ta' konsenja gew fabrikati stante li gew manwalment redatti minghajr ebda awtentikazzjoni jew dokument tad-dwana jew tat-trasport jew ricevuta. Dawn id-dokumenti normalment jigi generati elettronikament.*

2.14. *Di pju, resokont (Statement of Account) mehmuz ma email datata t-3 ta' Awissu 2017 mibghuta minn Khalid Hussein, ir- Regional Finance Director tal-kumpannija intimata turi bic-car u tikkonferma li l-ftehim bejn T. Keystone Foods u l-kumpannija intimata tal-1 ta' Lulju, 2017 gie iffirmat*

*zmien wara li kienu gew effetwati l-allegati konsenji mill-kumpannija intimata lil T Keystone Foods tant li jirrizultaw konsenji fil-21 ta' April, 2017, f'liema data il-kumpannija attrici lanqas kienet ghadha harget il-Garanzija Bankarja lill-kumpannija T. Keystone Foods. Huwa evidenti li l-konsenji kienu saru lil T. Keystone Fruits (il-kumpannija ta' Nabeel) and mhux lil T. Keystone Foods u li ghalhekk kien sehh attentat sabiex jintwera li l-konsenji saru lil T. Keystone Foods sabiex jippermetti lill-kumpannija intimata titlob hlas taht il-Garanzija Bankarja mahruga wara u fuq talba ta' T. Keystone Foods.*

2.15. *Huwa car li wara dan kollu kien hemm pjan frawdolenti mahsub u orkestrat minn Nabeel sabiex jinganna u jiffroda lill-kumpannija rikorrenti attrici u jassisti lill-kumpannija intimata. Il-kronologija tal-fatti hawn taht esposta turi dan kollu:*

(i) *Fl-20 ta' April, 2017 – Dokumenti b'talba ghall-hrug tal-Garanzija Bankarja gew iffirmati;*
(ii) *Fis-26 ta' April, 2017 – Il-Garanztija Bankarja giet notifikata lil Mashreq Bank, Dubai- U.A.E. Din il-Garanzija Bankarja gie mahruga sabiex tkopri u tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas ta' T. Keystone Foods (il-kumpannija ta' Jaber) mentri il-kumpannija intimata kienet taht l-impressjoni li l-Garanzija Bankarja kienet tkopri u tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas ta' T. Keystone Fruits (il-kumpannija ta' Nabeel);*
(iii) *Fl-ewwel gimgha ta' Mejju 2017 – Il-Ftehim ta' fornituri gew iffirmata bejn T. Keystone Fruits (Nabeel) u l-kumpannija intimata inkluz lis-skedi tal-konsenji u tal-hlas;*
(iv) *Fit-tieni gimgha ta' Mejju, 2017 saret l-ewwel konsenja u l-konsenji baqghu sejrin sa' l-ahhar gimgha ta' Gunju, 2017. Nabeel ried li jkollu l-konsenji kollha ghall-perjjodu tar-Ramadan (24 ta' Mejju – 24 ta' Gunju);.*

(v) *Fix-xahar ta' Gunju, 2017 il-parti l-kbira tal-fornituri kienu gew kkonsenjati u mehuda minn T. Keystone Fruits (Nabeel). Aktar minn tlett miljun dollari Amerikani ta' prodotti gew kkonsenjati u mehuda. Kawza tal-festa tal-Eid (festa Izlamika) bejn it-23 u s- 27 ta' Gunju, 2017, il-kumpannija intimata intebhet fl-ewwel gimgha ta' Lulju, 2017, li l-pagamenti kienu waqghu lura u saru diskussjonijiet bejn Nabeel u l-kumpannija intimata fl-ewwel gimgha ta' Lulju, 2017;*

(vi) *Fit-3 ta' Awissu, 2017 inghatat twissija finali lil T. Keystone Foods (Jaber). Il-fatturi u d-dokumenti tal-konsenja inhargu bejn it-2 ta' Awissu 2017 u s-26 ta' Awissu, 2017, haga li hija kompletament illogika peress li l-fatturi igibu dati wara d-data tat-twissija finali;*

(vii) *Oltre dan it-twissija finali giet mibghuta lil Nabeel fit-3 ta' Awissu, 2017 minn Khalid Hussein tal-kumpannija Del Monte (l-intimata) u mhux lil Jaber tal-kumpannija T Keystone Foods;*

(viii) *Mid-dokumentazzjoni mibghuta lill-kumpannija rikorrenti attrici mill-Bank Beneficcjarju jirrizulta li sat-23 ta' Awissu, 2017 il-kumpannija intimata kienet forniet miljun u disa' mitt elf dollari Amerikani (USD 1,900,000.00) fi prodotti;.*

(ix) *L-ewwel talba ghall-hlas kontra u taht il-Garanzija Bankarja wasslet ghand il-Mashreq Bank fil-21 ta' Awissu, 2017. Dan holoq suspett li seta' kien hemm xi haga mhux f'lokha peress li l-ahhar fatturi u l-ahhar dokumenti ta' konsenja kienu datati 19, 20, 23 u 24 ta' Awissu, 2017;*

(x) *Kull talba ghall-hlas taht u kontra il-Garanzija Bankarja kellha ssir hmistax il-gurnata qabel, (April 6, 2018) u sad-data tal-waqfien (expiry) tal-Garanzija Bankarja liema data kienet il-21 ta' April, 2018. Minnflok il-kumpannija intimta ghamlet l-ewwel talba taghha fil-21 ta' Awissu, 2017 u dan bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-Garanzija Bankarja;*

(xi) *Fl-ewwel gimgha ta' Settembru, 2017 il-kumpannija rikorrenti attrici iltaqghet mill-kumpannija intimata u waqt din il-laqgha irrizulta car li l-kumpannija intimata kienet taht l-impressjoni li l-pretensjoni*

*taghha kienet kontra T. Keystone Fruits (Nabeel) u mhux T. Keystone Foods (Jaber). Mid-dokumentzzjoni mghoddija lill-kumpannija rikorrenti attrici mill-kumpannija intimata wara din il-laqgha jirrizulta car li sa dak il-punt il-kumpannija intimata ma kinitx taf bl-esistenza ta' T. Keystone Foods u li Nabeel ma kienx sidha;*

(xii) *Ma kien hemm ebda korrispendenza jew kommunikazzjoni skambjata bejn Jaber (T Keystone Foods) u l-kumpannija intimata;*

(xiii) *Id-dokumenti sottomessi mill-kumpannija intimata mat-talba ghall-hlas inizjali taghha ma kienux skond dak previst fil-Garanzija Bankarja. Il-Kumpannija rikorrenti attrici rrespingiet it-talba ghall-hlas u tablet lill-kumpannija intimata sabiex tipprezenta u tissotmetti id-dokumenti stipulati bhala mehtiega fil-Garanzija Bankarja;*

(xiv) *Wara din l-ewwel laqgha f'Settembru 2017 bejn il-kumpannija intimata u l-kumpannija rikorrenti attrici, il-kumpannija intimata indunat bl-esistenza taz-zewg kumpanniji u konsegwentement b'kolluzjoni ma' Nabeel (T.Keystone Fruits) holqot u fabrikat ftehim ta' fornitura datat l-1 ta' Lulju, 2017. Hekk kif il-kumpannija intimata intebhet bl-izbal baghtet dokumenti godda lill-kumpannija attrici rikorrenti attrici bejn l-ahhar ta' Ottubru, 2017 u l-bidu ta' Novembru, 2017. Minflok accettat l-izbal taghha il-kumpannija intimata ssottomettiet talba falza kontra u taht il-Garanzija Bankarja bl-iskop u l-hsieb li tipprova tikkorregi l-izbal taghha.*

2.16 *L-azzjonijiet gudizzjarji li ressqet il-kumpannija intimata kontra l-kumpannija attrici rikorrenti huma palezament bbazati fuq dokumenti fabrikati u foloz u huma parti minn pjan frawdolenti mirat sabiex jigi riskattat hlas minghand il-kumpannija rikorrenti attrici taht u kontra l-Garanzija Bankarja li ma kienet qatt intiza sabiex tkopri u tiggarantixxi obbligi tal-kumpannija li verament irceviet il-fornituri u kienet ghalhekk obbligata thallas ghalihom (T. Keytsone Fruits).*

2.17 *Oltre dan l-azzjonijiet gudizzjarji inkluz l-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-kumpannija rikorrenti attrici kollhom effett dannuz fuq l-attivitajiet finanzjarji u ta' investiment tal-kumpannija rikorrenti attrici f'Malta kif ser jitwera f'aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza.*

2.18 *Di fatti kawza tal-azzjonijiet gudizzjarji promossi u mressqa mill-kumpannija intimata u partikolarment kawza tal-Mandat ta' Sekwestru spedit, kollox bbazat fuq kawzali u fatti fabrikati u fuq atti frawdolenti kommessi bi qbil u b'kolluzzjoni mall-kumpannija intimata, il-kumpannija rikorrenti attrici soffriet danni ingenti li sejrin jigu ppruvati waqt is-smigh ta' din il-kawza, fosthom dawk id-danni arrekati kawza tal-irtirar u l-konsegwenti waqfien u kancellament ta' approvazzjoni fil-principju (approval in principle) moghtija mill-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) riferibilment ghall-hrug ta' Licenzja ghall-Skema ta' Investiment Kollettiv (Collective Investment Scheme) li kienet tipprevdi l-kostituzzjoni ta' fond ta' investiment ta' mitejn miljun Euro. Konsegwenza ta' l-irtirar ta' l-imsemmija approvazzjoni u r-rizultanti waqfien u kancellament tal-approvazzjoni fil-principju l-investituri li kienu ser jippatecipaw fil-fond ta' investiment irtiraw l-interess taghhom. Dan kollu ser jigi muri u ppruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza.*

*Ghalhekk, il-kumpannija rikorrenti attrici, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghogobha, ghar-ragunijiet premessi:*

(1) *tiddikjara u tiddeciedi lil l-kumpannija intimata hija hatja u ghalhekk responsabbli ta' kolluzzjoni fil-fabrikazzjoni ta' dokumenti bl-intenzjoni li l-kumpannija rikorrenti attrici tigi ffrodati billi jinkiseb u jigi riskatat pagament minghand il- kuumpannija rikorrenti attrici taht u kontra Garanzija Bankarja mahruga mill-istess kumpannija rikorrenti attrici favur il-kumpannina intimata, liema Garanzija Bankarja ma kienet qatt intiza sabiex tkopri u tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas tal-kumpannija li verament irceviet il-fornituri*

*minghand il-kumpanija intimata ossija l-kumpannija T. Keystone Fruits; u*

(2) *tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija intimata hija hajta u responsabbli ghat-talba u l-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 817/18 u l-Mandat ta' Qbid Numru 816/18 fl-ismijiet "Del Monte Foods (U.A.E) FZE, socjeta estera inkorporata taht il-ligijiet ta' Dubai bin-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanniji 978 u bl-indirizz ufficjali P.O. Box 294484, Dubai, United Arab Emeriates, kif deitament rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (ID 441061M) vs KBC Euro Credit Limited ( C 69688)" liema imsemmija mandati inhargu konsapevolment ghab-bazi ta' talba falza u frawdolenti u parti minn pjan sabiex il-kumpannija rikorrenti attrici tigi frodata billi jigi riskattat pagament taht u kontra l-Garanzija Bankarja mahruga mill-kumpannija rikorrenti attrici favur il-kumpannija intimata sabiex tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas tal-kumpannija T. Keystone Foods meta l-obbligi ta' hlas kienu ta' kumpannija ohra T. Keystone Fruits; u*

(3) *tiddikara u tiddecidedi li l-atti u l-azzjonijiet illegitimi u dannuzi fuq imsemmija maghmula b'kolluzzjoni ma' u partecipazzjoni tal-kumpannija intimata kkawzaw danni serji lill-kumpannija rikorrenti attrici; u*

(4) *tillikwida d-danni kkawzati lil u sofferti mill-kumpannija rikorranti attrici u dan anke permezz ta' periti nominandi; u*

(5) *tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas id-danni likwidati skont u in forza tat-talba precedenti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet legali kontra tal-kumpannija intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-avukat Dr Louis Cassar Pullicino noe tat-30 t'April 2019**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*"Jeċċepixxi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi din il-kawża kif proposta ai termini tal-ebda wieħed mill-inċizi tal-Artikolu 742(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-fattispeċje deskritta, l-aġir lanjat u fuq kollox it-talbiet imressqa ma jinkwadraw ruħhom taħt l-ebda wieħed mill-inċiżi tal-Artikolu 742(1) imsemmi. Fl-ewwel lok, is-soċjeta Del Monte Foods (U.A.E) FZE, hija soċjeta' estera inkorporata taħt il-liġijiet ta' Dubai, bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanniji 978 ("***Del Monte***") mingħajr ebda stabbiliment jew preżenza hawn Malta. Fit-tieni lok, bl-ammissjoni tas-soċjeta attriċi stess, dak kollu li allegatament seħħ, jekk seħħ, seħħ barra minn Malta u kwindi huwa għal kollox estraneju għal din il-ġurisdizzjoni. Fit-tielet lok, Del Monte qatt ma ikkuntrattat ebda obbligu li kellu jiġi eżegwit minnha hawn Malta u dan barra l-fatt li f'kwalunkwe każ Del Monte ma tinstabx Malta. Illi ukoll, fil-każ li s-soċjeta attriċi tikseb sentenza a favur tagħha, din qatt ma tista' tiġi enforzata u eżegwita hawn Malta. Illi b'hekk il-Qrati nostrani m'għandhomx ġurisdizzjoni li jisimgħu u jiddeċiedu l-każ odjern u għalhekk għandha tieqaf milli tipproċedi bis-smiegħ permezz ta' sentenza fuq il-ġurisdizzjoni in vista ta' din l-eċċezzjoni li qed titressaq in limine litis;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari mressqa, u fuq il-mertu, is-soċjeta' konvenuta, kif debitament rappreżentata, teċċepixxi illi t-talbiet attriċi kollha huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jikkostitwixxu xejn għajr sensiela ta' dikjarazzjonijiet inveritieri magħquda ma' diversi konġetturi varji intiżi sabiex jagħtu s-sembljanza*

[1] Fol 28 et seq

*falza li teżisti xi lanjanza gravi. Ir-realta' hija ferm aktar bażika minn hekk :- is-soċjeta' konvenuta Del Monte kellha tressaq f'kawża li l-mertu tagħha huwa sempliċi ħafna kontra l-attriċi odjerna, bank liċenzjat hawn Malta, (Rik Nru: 596/2018) għal ksur tat-termini taħt garanzija bankarja. Din il-kawża tislet u tnisslet minn dik il-kawża sempliċement sabiex tistultifika l-kawża l-oħra, tagħti x'jifhem lill-ġudikant fil-kawża l-oħra illi hemm aktar x'wieħed jindaga milli sempliċi garanzija bankarja u b'hekk ittawwal tali eżekuzzjoni sempliċi. Din il-kawża hija abbuż ta' proċedura u evidentement espressjoni tal-massima li l-aħjar forma ta' difiża huwa l-attakk, atteġġjament li qatt ma jista' jiġi kondiviż minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u fuq il-mertu, l-esponent nomine jiċħad l-fatti hekk kif dikjarati fir-rikors ġuramentat bħala fattwalment żbaljati u manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, u ma tikkonsistix f'prova kredibbli stante l-attriċi ma jista' qatt jkun f'posizzjoni tikkonferma bil-ġurament il-fatti kif riprodotti fir-rikors ġuramentat li huma fil-maġġor parti tagħhom sempliċiment rendizzjoni ta' avvenimenti li allagetament, ex admissis, seħħew bejn Del Monte u soċjeta' estera oħra T.Keystone Foods, fir-rigward il-konsenja ta' merkanzija u n-nuqqas ta' ħlas minn T.Keystone Foods mingħajr ebda involvement tas-soċjeta attriċi u b'hekk l-attriċi ma tista qatt tkun f'posizzjoni tiddikjara l-fatti hekk kif riprodotti fir-rikors fuq ġurament.*

4. *Illi in oltre l-kontenut tar-rikors ġuramentat huwa kemm xejn Biżantin in kwantu huwa redatt daqs li kieku kienet kienet is-soċjeta T. Keystone Foods, u ċioe' d-debitriċi aħħarija inadempjenti u l-entita' li applikat għal-ħruġ tal-garanzija bankarja mill-attriċi favur is-soċjeta intimata, li ntavola din il-kawża. Tali rikors jidħol fid-dettall fuq l-allegata dgħufija fir-relazzjoni kuntrattwali bejn T. Keystone Foods u Del Monte. Minħabba l-analiżi skorretta u ċertament mhux f'lokha, is-soċjeta attriċi unilateralment u ċertament erronjament ikkonkludiet li l-konsenja tal-frott qatt ma ġiet ikkonsenjata, konklużjoni li ċertament ma jispettax lill-attriċi li tagħmel.*

*Permezz ta' dan it-taħwid proċedurali, b'din il-kawża l-attriċi qed tipprova tikkawtela l-pożizzjoni tagħha u tfittex li tipproteġi l-pożizzjoni tagħha b'din il-kawża jekk l-eżitu tal-ewwel kawża jkun sfavorevoli għaliha;*

5. *Illi huwa dan it-tentattiv goff li tinħoloq narrattiva għal kollox parallela u inveritiera li probabilment wassal għall-fatt illi l-premessi fir-rikors ġuramentat u t-talbiet fl-istess rikors ġuramentat effettivament huma għal kollox irrinċiljabbli ma xulxin bi ksur tad-dettami tassattivi tal-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi fuq kollox, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jittressqu skont il-liġi u bl-ispejjeż kollha ta' dawn l-atti kontra l-attriċi;*

*Illi bħala sfond fattwali, apparti dak kollu ġja msemmi fl-eċċezzjonijiet suesposti, irid jiġi konfermat ukoll is-segwenti:*

1. *Illi minn qari attent tal-garanzija bankarja (kopja fototstatitka tal-garanzija bankarja hawn annesss u mmarkata bħala '**Dok LCP1**') joħroġ biċ-ċar illi l-unika rekwiżiti preskrittivi sabiex issir it-talba għall-ħlas kienu s-segwenti:*

> *"1) YOUR **<u>CLAIM DECLARATION SHOULD BE AS FOLLOWS</u>**:*
> *A) WE HAVE SUPPLIED GOODS TO T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC.*
> *B) WE HAVE REQUESTED T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC TO EFFECT PAYMENT FOR THE GOODS AND PAYMENT HAS NOT BEEN RECEIVED BY US.*
> *C) T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC HAS FAILED TO EFFECT PAYMENT FOR GOODS AND PAYMENT HAS NOT BEEN RECEIVED BY US.*

*2)* ***YOUR RELEVANT DOCUMENTS SHOULD BE INVOICES ISSUED UNDER THE NAME OF T.KEYSTONE FOODS FZ-LLC"***

*(enfasi miżjuda)*

2. *Illi dawn huma l-uniċi rekwiżiti sabiex issir it-talba għall-ħlas taħt l-garanzija bankarja sic et simpliciter: talba mir-rikorrenti Del Monte bid-dikjarazzjonijiet mitluba f' A), B) u C) flimkien mal-fatturi maħruġa minn Del Monte lil T.KeyStone Foods u, mingħajr preġudizzju għal dan il-fatt, kull ħaġa oħra anċillari u kull rekwiżit ieħor għandu jiġi interpretat esklussivament skont l- l-ICC Uniform Rules for Demand Guarantees URDG 758 (ir- "***Regoli tal-ICC***") u fil-kuntest tan-natura intrinsika tal-garanzija bankarja innifisha. Dawn huma propja d-dokumenti li Del Monte forna lis-soċjeta attriċi ma kull talba għal ħlas taħt il-garanzija bankarja.*

*Illi huwa prinċipju ben assodat taħt ir-Regoli tal-ICC fil-kamp tal-garanziji bankarji, illi l-interpretazzjoni tat-test tenut fil-garanziji bankarji għandu jiġi interpretat b'mod strett ħafna mingħajr ebda inferenzi jew referenza għal ebda strument jew kuntratt ieħor jew transazzjoni sottostanti (ara estratt tar-Regoli tal-ICC klawzola 3 u 5 - hawn anness u mmarkat bhala '**Dok LCP 2**'). Illi għalhekk, kull talba dokumenti addizzjonali jew analizi/interpretazzjoni minn KBC tat-termini tal-kuntratt u/jew id-dokumentazzjoni supplementari bejn T. Keystone Foods u Del Monte, mar ferm oltre l'ambitu tas-soċjeta attriċi bħala bank li kellu biss l-rwol li jaġixxi fuq talba ta' ħlas mill-benefiċjarju Del Monte. U Mhux biss.*

*Is-soċjeta attriċi marret ferm oltre minn hekk sa ma waslet ukoll tallega frodi minn naħa tas-soċjeta intimata u dan meta suppost is-soċjeta attriċi kellha tonora l-obbligu li tħallas il-garanzija bankarja u ma tindagax jew tipprova tinterpreta l-obbligi jew termini ta' konsenja ta' merkanzija bejn Del Monte u l-konsenjatarju. Dan tant hu minnu li ma hemm ebda kontestazzjoni fir-rikors ġuramentat li l-konsenja ta'merkanzija fil-fatt sar minn Del Monte lill-konsenjatarju.*

3. *Illi għalhekk din il-kawża hija kompletament waħda ta' natura vessatorja u intavolata sempliċiment sabiex toħloq messaxenna sabiex tevadi l-ħlas taħt il-garanzija bankarja(!) fuq konsenja li seħħ meta suppost istituzzjoni ta' kreditu bħas-soċjeta attriċi għandha jkollha l-flus fis-somma tal-garanzija depożitati attwalment biex b'hekk meta jkun talba ai termini tal-garanzija bankarja, din tonora l-ħlas minnufih fuq l-ewwel talba u mingħajr l-ebda eżitazzjoni jew skużi skont ir-Regoli tal-ICC;*

8. *Illi fl-aħħar mill-aħħar, minflok jivvintaw modi kreattivi sabiex jevadu l-ħlas, is-soċjeta attriċi kellha tilqa' it-talba għall-ħlas minn Del Monte malli irċievew il-korrispondenza SWIFT flimkien mad-dokumenti supplimentari ai termini tal-garanzija bankarja u, se mai, kienet tkun T.Keystone Foods li kienet iġġib kawża kontra Del Monte li kieku ħasset li hemm il-bżonn għar-raġunijiet kollha msemmija fir-rikors ġuramentat;"*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat li waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2020[2], bi qbil anke mal-partijiet, ġie deċiż li f'dan l-istadju għandha tiġi tratatta u deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut *noe* dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti.

Rat il-provi tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

[2] Fol 56

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni u għar-raġunijiet elenkati fir-rikors promotur, is-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija ħatja ta' –

- kollużjoni fil-fabrikazzjoni ta' dokumenti bl-intenzjoni li s-soċjeta' attriċi tiġi ffrodata billi jinkiseb ħlas mingħand is-soċjeta' attriċi kontra l-garanzija bankarja maħruġa mill-istess soċjeta' attriċi favur dik intimata; u
- talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 817/18 u għall-Mandat ta' Qbid Nru 816/18 fl-ismijiet *Del Monte Foods (U.A.E) vs KBC Euro Credit Ltd* li allegatament inħarġu konsapevolment a bażi ta' talba falza u frawdolenti.

Is-soċjeta' attriċi qegħda titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni kawżati lilha b'riżultat ta' dan l-aġir da parti tas-soċjeta' konvenuta.

Għall-fini ta' din l-eċċezzjoni. mill-atti jirriżulta li –

i. F'April 2017 s-soċjeta' attriċi aċċettat u ħarġet garanzija bankarja sabiex tiggarantixxi l-obbligi tal-ħlas tas-soċjeta' estera bl-isem T. Keystone Foods ("T.Keystone") a favur is-soċjeta' konvenuta Del Monte skont ftehim ta' fornitura fis-seħħ bejn is-soċjeta' Del Monte u T. Keystone;

ii. Kemm is-soċjeta' konvenuta u anke s-soċjeta' T. Keystone huma reġistratai u bażati f'Dubai;

iii. Is-soċjeta' konvenuta ilha reġistrata taħt il-liġijiet ta' Dubai sa mill-2004. Din is-soċjeta' hija sussidjarja ta' Del Monte Fresh Produce (Middle East) Corp, li hija reġistrata fil-Cayman Islands. Del Monte Fresh Group huwa produttur u distributur ta' frott, ħxejjex u *juices* fost oħrajn. Kemm is-soċjeta' konvenuta kif ukoll soċjetajiet sussidjarji oħra joperaw fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Afrika ta' Fuq. L-ebda waħda minn dawn l-entitajiet, inkluż is-soċjeta' konvenuta ma huma nkorporati f'Malta u lanqas għandhom xi fergħa f'Malta. Inoltre s-

soċjeta’ konvenuta m’għandhiex la direttament u lanqas indirettament xi proprjeta’, mobbli jew immobbli f’Malta. Fl-affidavit tiegħu a fol 67 et seq, Mohammed Hassan Abbas, direttur maniġerjali tas-soċjeta’ konvenuta, spjega wkoll fid-dettall is-sistema ta’ tqassim tal-prodotti kif issir fis-suq Ewropew u Afrikan. Madankollu, s-soċjeta’ konvenuta la hija responsabbli mid-distribuzzjoni tal-prodotti u lanqas ma tidħol f’kuntratti ma’ distributuri jew sħab ewropej ta’ Del Monte Group b’konnessjoni mas-suq ewropew inkluż dak ta’ Malta. Inoltre, s-soċjeta’ konvenuta ma jirriżultax li qatt daħlet f’relazzjoni kuntrattwali ma entita’ jew persuna stabbilita jew preżenti f’Malta u lanqas qatt ma ntrabtet li twettaq xi obbligazzjoni f’Malta. Fil-każ odjern, ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn Del Monte u T. Keystone Fruit Merchant FZE u T.Keystone Foods FZE bħala l-billing entities għal konsenja ta’ banana minn Del Monte. Minn naħa tagħha Del Monte ma daħlitx f’impriża kuntrattwali mas-soċjeta’ attriċi iżda kienet benefiċjarja ta’ garanzija bankarja maħruġa mis-soċjeta’ attriċi favuriha b’rabta mal-konsenja tal-banana.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta’ konvenuta** tgħid hekk -

*“Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni tisma’ u tiddeċiedi din il-kawża kif proposta ai termini tal-ebda wieħed mill-inċiżi tal-artikolu 742(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li l-fattispeċje deskritta, l-aġir lanjat u fuq kollox it-talbiet imressqa ma jinkwadraw ruħhom taħt l-ebda wieħed mill-inċiżi tal-artikolu 742 (1) imsemmi. Fl-ewwel lok is-soċjeta’ Del Monte Foods (U.A.E.) FZE hija soċjeta’ estera nkorporata taħt il-liġijiet ta’ Dubai, bin-numru ta’ reġistrazzjoni tal-kumpanniji 978 (“Del Monte”) mingħajr ebda stabbiliment jew preżenza hawn Malta. Fit-tieni lok, bl-ammissjoni tas-soċjeta’ attriċi stess, dak kollu li allegatament seħħ, jekk seħħ, seħħ barra minn Malta u kwindi huwa għal kollox estraneju għal din il-ġurisdizzjoni. Fit-tielet lok, Del Monte qatt ma kkuntrattat ebda obbligu li kellu jiġi esegwit minnha hawn Malta u dan barra l-fatt li fi kwalunkwe każ Del Monte ma tinstabx Malta. Illi ukoll, fil-każ li s-soċjeta’ attriċi tikseb sentenza a favur tagħha, din qatt ma tista’ tiġi enforzata u eżegwita hawn Malta. Illi b’hekk il-Qrati nostrani m’għandhomx il-ġurisdizzjoni li jisimgħu u jiddeċiedu l-każ odjern u għalhekk għandha tieqaf milli tipproċedi bis-smiegħ permezz ta’ sentenza fuq il-ġurisdizzjoni in vista ta’ din l-eċċezzjoni li qed titressaq in limine litis.”*

Għal fini ta' kompletezza l-Qorti tibda billi tirreferi għar-Regolament Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni).

**L-artikolu 6 (1) tar-Regolament** jipprovdi hekk -

*"Jekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kull Stat Membru għandha, soġġetta għall-Artikoli 18(1), 21(2) u l-Artikoli 24 u 25, tkun determinata bil-liġi ta' dak l-Istat Membru."*

Mill-istess Regolament:

L-artikolu 18 (1) jipprovdi li –

*"1. Konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra ta' kuntratt fil-qrati tal-Istat Membru li fih tkun domiċiljata dik il-parti jew, irrispettivament mid-domiċilju tal-parti l-oħra, fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur."*

L-artikolu 21 (2) jipprovdi li –

*"Min jimpjega li ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 1."*

L-artikolu 24 jipprovdi li –

*"Dawn il-qrati li ġejjin ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni esklużiva, independentement mid-domiċilju tal-partijiet:*

*(1) fi proċedimenti li l-objettiv tagħhom ikunu drittijiet in rem fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' proprjetà immobbli, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab il-proprjetà.*

*Madankollu, fi proċedimenti li jkollhom bħala l-objettiv tagħhom kirjiet ta' proprjetà immobbli li jkunu konklużi għal użu privat temporanju għal perijodu massimu ta' sitt xhur konsekuttivi, il-qrati tal-Istat Membru li fih ikun domiċiljat il-konvenut għandhom ukoll ikollhom il-ġurisdizzjoni, dment li l-*

*kerrej ikun persuna fiżika u li s-*sid tal-kera u l-*kerrej ikunu domiċiljati fl-*istess Stat Membru;*

*(2)fi proċedimenti li jkollhom bħala l-objettiv tagħhom il-validità tal-kostituzzjoni, in-nullità jew ix-xoljiment ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħra jew għaqdiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew il-validità tad-deċiżjonijiet tal-organi tagħhom, il-qrati tal-*Istat Membru li fih il-kumpannija, *il-persuna ġuridika jew għaqda jkollha s-sede tagħhom.* Sabiex tiddetermina dik is-sede, *il-qorti għandha tapplika r-regoli tagħha tad-*dritt internazzjonali *privat;*

*(3)fi proċedimenti li jkollhom bħala l-objettiv tagħhom il-validità tad-dħul f'reġistri pubbliċi, il-qrati tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru;*

*(4)fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni jew validità ta'* privattivi, trade marks, disinnji, *jew drittijiet oħra simili li jridu jiġu depożitati jew reġistrati, indipendentement minn jekk il-kwistjoni titqajjem permezz ta' azzjoni jew permezz ta' eċċezzjoni, il-qrati tal-*Istat Membru *li fih tkun saret l-applikazzjoni għad-depożitu jew ir-reġistrazzjoni, tkun seħħet jew tkun meqjusa li seħħet taħt it-termini ta' strument tal-*Unjoni *jew ta' konvenzjoni* internazzjonali.

*Mingħajr preġudizzju għal l-ġurisdizzjoni tal-Uffiċju Ewropew tal-*Privattivi skont il-Konvenzjoni dwar l-*Għoti ta' Privattivi Ewropej, iffirmata f'Munich fil-5 ta' Ottubru 1973, il-qrati ta' kull Stat Membru għandhom ikollhom il-ġurisdizzjoni esklużiva fi proċedimenti li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni jew il-validità ta' xi privattiv Ewropew mogħti għal dak* l-Istat Membru;

*(5)fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mal-eżekuzzjoni ta' sentenzi, il-qrati* tal-Istat Membru *li fih is-sentenza kienet jew għandha tiġi eżegwita."*

L-artikolu 25 jipprovdi li –

*"1. Jekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Ġurisdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva sakemm il-*partijiet *ma jiftiehmux mod ieħor. Il-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni għandu jkun jew:*

*(a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba;*

*(b)f'għamla li taqbel mal-*prattiki *li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew*

*(c)f'negozju jew kummerċ internazzjonali, f'għamla li taqbel mal-użanza li dwarha l-partijiet huma jew li kellhom ikunu konxji u li f'dak in-negozju jew kummerċ tkun magħrufa sewwa, u regolarment osservata minn, partijiet għal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerċ partikolari kkonċernat.*

*2. Kwalunkwe komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi rekord dewwiemi tal-ftehim għandha tkun ekwivalenti għal 'kitba'.*

*3. Il-qorti jew qrati ta' Stat Membru li lilhom tkun ingħatat il-ġurisdizzjoni permezz ta' strument ta' trust għandhom ikollhom ġurisdizzjoni esklużiva fi kwalunkwe proċedimenti kontra settlor, trustee jew benefiċjarju, jekk ikunu involuti r-relazzjonijiet bejn dawk il-persuni jew id-drittijiet jew l-obbligi tagħhom taħt it-trust.*

*4. Ftehim jew dispożizzjonijiet ta' strument ta' trust li jagħtu ġurisdizzjoni m'għandux ikollhom forza legali jekk dawn imorru kontru l-Artikoli 15, 19 jew 23, jew jekk il-qrati li l-ġurisdizzjoni tagħhom dawn iridu jeskludu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 24.*

*5. Ftehim li jagħti ġurisdizzjoni li huwa parti minn kuntratt għandu jiġi ttrattat bħala ftehim indipendenti mit-termini l-oħra tal-kuntratt.*

*Il-validità tal-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni ma jistax jiġi kkuntestat biss fuq il-bażi li l-kuntratt mhuwiex validu."*

Minn qari ta' dawn l-artikoli appena ċitati huwa pależi li l-każ odjern ma jiffigura taħt ebda wieħed minnhom. Kif irriżulta mill-provi mressqa s-soċjeta' konvenuta la hija reġistrata f'Malta jew f'xi Stat ieħor tal-Unjoni Ewropea u lanqas għandha d-domiċilju f'Malta jew f'xi Stat ieħor tal-Unjoni Ewropea. Kwindi, a bażi tal-artikolu 6 (1) tar-Regolament imsemmi, il-vertenza għandha tkun trattata u deċiża skont il-liġi ta' Malta ergo f'dan il-każ ai termini tal-artikolu 742 (1) tal-Kap 12.

**Għal kull buon fini jingħad ukoll li l-partijiet, fin-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom irrikonoxxew entrambi li huwa l-artiklu 742 (1) li huwa applikabbli għall-każ odjern**.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk –

*742.(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*

*(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*

*(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*

*(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta,iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti."*

Dwar dan l-artikolu tal-liġi ingħad hekk fil-każ **Angelo Cutajar & Sons Ltd vs Dr Anthony Cremona et noe deċiż fis-16 t'Ottubru 2003** –

*"Illi jibda biex jingħad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa msawwar, il-kwestjoni ta' jekk Qorti Maltija għandhiex is-setgħa li tisma' u tqis kawża mressqa quddiemha (u li l-mertu tagħha jaqa' fil-kompetenza tagħha) trid titqies b'riferenza għall-kwalitajiet tal-persuna mħarrka, l-iżjed fejn ir-raġuni tal-ġurisdizzjoni hija mibnija fuq il-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta. Din it-tifsira m'hija xejn għajr l-applikazzjoni tal-massima ġuridika ewlenija li actor sequitur forum rei u tal-oħra li tipprovdi ubi te invenio, ibi te convenio;"*

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li l-ebda waħda mill-bażijiet elenkati fl-artikolu 742 tal-Kap 12 ma hi applikabbli għall-każ odjern għar-raġunijiet minnha msemmija fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha.

Minn naħa l-oħra s-soċjeta' attriċi tikkonċedi li s-sub-paragrafu (a) sa (f) ma japplikawx għall-fattispeċje tal-każ. Fil-fehma tagħha pero' din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni a bażi tas-subparagrafu (ġ) tal-artikolu msemmi. Dan stante li targumenta li s-soċjeta' konvenuta aċċettat li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-

Qrati f'Malta meta ntavolat il-kawża Rik Nru 522/18 fl-ismijiet *Del Monte Foods (U.A.E) FZE vs KBC Euro Credit Ltd* u li qegħda tinstema minn din il-Qorti stess kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet premessi. Ladarba f'dik il-kawża s-soċjeta' Del Monte nvokat lil din il-Qorti sabiex tippromwovi azzjoni kontra s-soċjeta' odjerna KBC u ladarba għażlet li tiddefendi l-każ odjern fuq il-mertu allura dan ifisser li hija qagħdet għall-ġurisdizzjoni ta' Malta.

Dwar din is-sottomissjoni fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li, l-partijiet fil-kawża Rik Nru 522/18 huma l-istess anke jekk fl-ismijiet inversi. Fir-rigward tal-mertu il-kawża kienet tikkonċerna talba ta' Del Monte sabiex il-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' KBC kienet kisret id-dispożizzjonijiet tal-garanzija bankarja erogata favur is-soċjeta' Del Monte meta rrifjutat li tonora talba mressqa minnha taħt it-termini tal-garanzija bankarja. Għalhekk hija talbet lill-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' KBC hija debitriċi tas-soċjeta' Del Monte fis-somma ta' €2,437.241.04 u tordna l-ħlas tal-istess flimkien mal-imgħax legali.

Fl-isfond tal-artikolu 742 (1) tal-Kap 12 il-Qorti ma tistax pero' tikkondividi l-interpretazzjoni mogħtija lis-sub-paragrafu (ġ) mis-soċjeta' attriċi.

Fil-każ Rik Nru 522/18 is-soċjeta' Del Monte kienet legalment kostretta li tissottometti ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' Malta peress li l-kawża ntavolata kontra s-soċjeta' KBC li hija reġistrata u domiċiljata f'Malta u l-assi tagħha huma sitwati f'Malta wkoll u kwindi kwalunkwe enfurzar tas-sentenza f'każ ta' eżitu pożittiv għal Del Monte għall-ħlas tas-somma pretiża jeħtieġ li u jkollu ssir ġewwa Malta. Dan ai termini tal-artikolu 4 tar-Regolament Nru 1215/2012 surreferit.

Madankollu d-dinamika ta' dawk il-proċeduri u l-qbil tas-soċjeta' Del Monte li tissottometti ruħha b'mod volontarju għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta <u>f'dak il-kuntest ta' fatti tal-każ</u> ma tistax awtomatikament tiġi applikata għall-każ odjern li għandu mertu u ċirkostanzi ferm differenti anke jekk bejn l-istess partijiet.

Kif diġa ngħad fis-suespost, u kif irriżulta mill-provi, s-soċjeta' konvenuta Del Monte la hija domiċiljata f'Malta u lanqas m'għandha ebda rabta oħra magħha. Inoltre anke l-mertu tal-kawża odjerna u ċioe' l-allegazzjoni ta' frodi u kollużjoni huwa marbut ma' aġir tas-soċjeta' konvenuta u soċjeta' terza ċioe' T Keystone li lanqas hija ma hi domiċiljata u reġistrata f'Malta. Kwindi, anke f'każ ta' eżitu

pożittiv għas-soċjeta' attriċi, ma hemm ebda bażi għall-enforzar f'Malta ta' sentenza bejn il-partijiet odjerni. Dan anke fid-dawl tal-fatt li ma jirriżulta ebda ftehim bejn il-partijiet fil-kawża għall-eżekuzzjoni tas-sentenza f'Malta.

In fine jingħad ukoll li ġjaladarba s-soċjeta' konvenuta ressqet din l-eċċezzjoni marbuta mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti in linea preliminari fil-bidu nett tal-kawża u kwalunkwe eċċezzjonijiet fil-mertu ressqithom mingħajr preġudizzju għal din l-eċċezzjoni, allura ma jirriżultax li s-soċjeta' konvenuta qegħda minn dan il-lat taċċetta li toqgħod u tissottometti għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

**Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta hija ġustifikata.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta u tidikjara li din mhijiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;**
2. **Konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**